**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 592/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Dominic Azzopardi**
**(ID 443176 (M))**

**Illum: 28 ta' April 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Dominic Azzopardi** ta' 37 sena, iben Anthony u Mary Gladys nee` Agius, imwieled il-Pieta`, nhar il-11 ta' Settembru 1976, residenti Sant Alessio, Flat 9, Triq Ċensu Farrugia, Msida u/jew 47, St. Dominic Street, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 443176 (M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fl-10 ta' Ottubru 2010, u fis-sitt (6) xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga **eroina**, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija

u mingħajr ma kellu liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u talli kkommetta l-imsemmija reati kriminali fi/jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 22, sub-inċiż 2(II) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis*, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli fis-17 ta' Ottubru 2009 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data f'dawn il-gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Diċembru 2013;

Semgħet lill-imputat fis-seduta miżmuma fl-24 ta' Ottubru 2014 iwieġeb li mhuwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, esebiet vera kopja ta' proċess verbal bin-numru 707/2010 redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Edwina Grima dwar stqarrija ġuramentata ta' Joshua Caruana nhar l-10 ta' Ottubru 2010[1].

   **Mill-istess proċess verbal** jirriżulta illi nhar l-10 ta' Ottubru 2010, **l-Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Dennis Theuma** xehed quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima u esebixxa stqarrija rilaxxjata minn Joshua Caruana lill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-10 ta' Ottubru 2010[2]. Esebixxa wkoll ritratt ta' ċertu Josette Bickle, ta' Dominic Azzopardi (0443176(M)) u ta' Robert Spiteri.

   Jirriżulta wkoll mill-istess proċess verbal illi fl-istess jum, **Joshua Caruana** xehed quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, fejn ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva. F'din l-istqarrija Caruana jgħid illi huwa kien jakkwista d-droga eroina mingħand Josette Bickle, mingħand Robert Spiteri, kif ukoll mingħand Dominic Azzopardi. Dwar Bickle, huwa jgħid illi huwa kien jixtri mingħandha pakkett eroina tal-€10 kuljum minn meta din ħarġet mill-ħabs lejn l-aħħar ta' Awwissu 2010. Dwar Robert Spiteri, jgħid illi kien ilu jinqeda għall-eroina mingħandu għal dawk l-aħħar tliet xhur, li kien jakkwista tliet pakketti eroina ta' €20 kuljum u ġieli anke gramma u nofs gramem eroina. Dwar Dominic Azzopardi, imbagħad, jgħid illi kien ilu jakkwista l-eroina mingħandu fl-aħħar sitt xhur, illi nqeda ħafna drabi mingħandu, ġieli darba kuljum u anke darbtejn u li kull darba kien jixtri pakkett eroina ta' €20 kull darba.

   Jgħid ukoll fix-xhieda tiegħu illi waqt li huwa kien qiegħed Dar l-Impenn għal tliet ijiem, marru Robert Spiteri u Josette Bickle jheddu lil ommu għaliex hu kellu jagħtihom madwar elf u ħames mitt ewro, u skont hu, Robert Spiteri anke qal lil ommu illi jekk tmur tgħid lill-Pulizija, imur ikissrilha l-ħanut. Anke Bickle skont hu, kienet heddet lil ommu u hu mar jieħu sodisfazzjoni mal-istess Bickle. Jgħid illi dawn spiċċaw werwru lil ommu. Jgħid ukoll illi ma kellux iżjed dejn magħhom, għax ħallsuhulu ommu u missieru.[3]

[1] Dan il-proċess verbal jinsab esebit a fol. 16 sa 34 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 22 sa 24 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 31 sa 34 tal-proċess.

2. **L-Ispettur Dennis Theuma** jixhed illi l-investigazzjoni bdiet wara li fl-20 ta' Ottubru 2009, ċertu Gerald Mallia tilef ħajtu konsegwenza ta' *overdose* ta' droga u għalhekk il-Pulizija bdiet bl-investigazzjoni tagħha f'dan ir-rigward, u kisbet informazzjoni li seta' kien hemm l-involviment tal-imputat. L-imputat ġie nterrogat dwar il-konnessjoni li huwa seta' kellu ma' Mallia u rrilaxxja stqarrija fit-22 ta' Ottubru 2009, liema stqarrija tinsab esebita a fol. 4 *et seq* tal-proċess. Spjega illi wara xi żmien, ċertu Joshua Caruana mar minn jeddu ġewwa l-Għassa tal-Belt u talab li jitkellem mad-*Duty Officer*, li dakinhar inzerta kien ix-xhud, u rrilaxxja stqarrija volontarja, fejn semmielu persuni li mingħandhom kien jixtri d-droga, inkluż l-imputat odjern. Ix-xhud jgħid illi a bażi tal-istqarrija ġuramentata ta' Caruana, kif ukoll fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, l-istess imputat ġie mixli bl-akkużi odjerni.[4]

   **In kontro-eżami** l-Ispettur Dennis Theuma xehed illi l-każ tal-*overdose* fatali u l-każ tal-istqarrija rilaxxjata minn Joshua Caruana kienu żewġ każijiet separati u illi huwa beda jinvestiga lill-imputat odjern qabel mar ikellmu Joshua Caruana. Huwa jgħid ukoll illi għaqqad iż-żewġ investigazzjonijiet flimkien f'każ wieħed u pproċeda sabiex jixli lill-imputat bir-reati odjerni. Jgħid ukoll b'referenza għall-imputazzjonijiet odjerni illi l-akkuża dwar traffikar tirreferi għall-10 ta' Ottubru 2010 u hija bażata fuq ix-xhieda ġuramentata ta' Joshua Caruana, fil-waqt illi l-akkuża dwar il-pussess tad-droga eroina tirreferi għas-17 ta' Ottubru 2009 u li l-imputat ġie mixli b'dan ir-reat fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu in konnessjoni mal-investigazzjoni dwar il-mewt ta' Gerald Mallia. Jgħid ukoll illi minkejja li huwa kellu informazzjoni li l-imputat kien jaqdi lil Mallia, ma kellux provi suffiċjenti sabiex iressaq lill-imputat dwar il-mewt tal-istess Mallia.

   Mistoqsi jekk irriżultalux illi Caruana kellu xi relazzjoni ma' xi qraba ta' Mallia u jekk Caruana kellux xi kwistjoni fil-passat mal-imputat odjern li mijiex relatata mad-droga, ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Riferribbilment għall-informazzjoni li ta Caruana fl-istqarrija tiegħu, l-Ispettur Theuma xehed illi dwar dan qatt ma bagħat għall-imputat u lanqas qatt ma nterrogah dwar dik l-informazzjoni. Spjega illi għalkemm kienet saret tfittxija fid-dar tal-imputat, din saret wara l-mewt ta' Mallia u b'rabta ma dak il-każ u illi din it-tfittxija rriżultat fin-negattiv. Fil-frattemp, wara l-mewt ta' Mallia jekk ma kienx żbaljat, kienu ppruvaw jissorveljaw lill-imputat, iżda lanqas hawn ma rriżulta xejn. Lanqas ma kien hemm iżjed xhieda kontra l-imputat. Mistoqsi jekk staqsiex lil Caruana għaliex mar minn jeddu

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 35 sa 38 tal-proċess.

sabiex jitkellem dwar l-imputat odjern, ix-xhud jgħid illi l-Pulizija diġa` kellha informazzjoni kunfidenzjali illi dawn il-persuni kienu jaqdu d-droga u kienu magħrufa mal-Pulizija, inkluż l-imputat odjern li dwaru l-Pulizija kellha informazzjoni li kien jittraffika d-droga l-Belt. Jgħid ukoll illi Caruana ma ġiex investigat dwar il-mewt ta' Mallia għax ix-xhud ma kellux informazzjoni li huwa kien involut f'din il-mewt.[5]

3. **Joshua Caruana** xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-18 ta' Frar 2015. Jgħid illi huwa ġie kkundannat sitt xhur priġunerija in konnessjoni mal-każ odjern. Jikkonferma illi fis-sena 2010, huwa kien irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva, fejn semma xi persuni li mingħandhom kien jixtri d-droga. Jgħid illi ħa qatgħa x'ħin ra lill-imputat fl-awla "*ghax dawk rrovinawli hajti lili. Qed inservi 3 snin u ma nistax naqta' l-problema tad-droga habba fihom*".[6] Skont hu, "*Ghax dawn it-tip ta' nies ma tkunx tiehu u jigu jaghtuk pakkett ta' xejn biex terga' taqbad, pakkett b'xejn u imbghad ibazwruk bil-flus*".[7] Jgħid illi fis-sena 2010 kien jinqeda mingħand l-imputat odjern fil-bidu, dak iż-żmien b'pakketti ta' €20. Sar jafu ħdejn Bieb il-Belt għaliex l-imputat ġieli kien ikun qiegħed ħdejn il-kuġin ta' Caruana li kien ikun qiegħed ibiegħ il-ħobż f'Bieb il-Belt u hemmhekk kien jinqeda mingħand l-imputat. Imbagħad kien imur id-dar tiegħu biex jinqeda f'St. Dominic Street, il-Belt, fejn sabu lil Gerald Mallia mejjet, ġieli l-imputat mar ħdejn skola u ġieli mar ħdejn il-Mużew tal-Imsida biex jaqdih, mhux dejjem fl-istess post. Meta l-imputat ġab mutur, skont ix-xhud, Piaggio, beda jaqdih f'postijiet differenti, "*Imsida, G'Mangia, Valletta dawk il-postijiet*".[8] L-aħħar li qdih kien ħdejn il-Mużew tal-Imsida, ħdejn is-*Sofra*. Jgħid ukoll illi kien jiftiehem miegħu billi jċempel lill-imputat. Huwa nqeda mingħandu ħafna drabi, bejn żewġ u tliet darbiet kuljum żgur u li kull darba kien jixtri mingħandu pakketti ta' għoxrin ewro (€20), li kien ikun fihom 0.2 gramma jew 0.3 gramma. Qatt ma xtara ebda droga oħra mingħand l-imputat, iżda f'okkażjoni minnhom l-imputat tah *smoke* ossia *cannabis* mingħajr ħlas. Mistoqsi dwar dan, ix-xhud jgħid illi l-imputat tah *joint* biex ipejjpu u pejjpuh flimkien u ċioe` qasmuh. Jgħid illi l-imputat kien ikollu d-droga fuqu u li kienu jkunu qishom boċċi, imkebba fil-plastik tal-pakkett tas-sigaretti. Jgħid illi l-imputat kien "*ikollu hafna*" minn dawn il-boċċi fuqu. Jgħid in oltre illi huwa kien qiegħed il-ħabs dwar serqa minħabba d-droga eroina, li weħel tliet snin u illi l-imputat u Robert Spiteri rrovinawlu ħajtu. Jgħid illi hu kien jieħu ħafna droga u akkumula ħafna djun. Skont hu, *"Dawn izeghlu bik, taf kif hux, itellghulek id-dejn, jien naghtihom il-paga, ma nafx kemm*

---

[5] A fol. 70 sa 81 tal-proċess.
[6] A fol. 42 tal-proċess.
[7] A fol. 42 tal-proċess.
[8] A fol. 47 tal-proċess.

*kont niehu ta, imma naf li bl-addocc*".[9] Mistoqsi għalfejn irrilaxxja stqarrija minn jeddu lill-Pulizija, jgħid illi dawn dejjquh, li kienu jagħmlulu l-ħsara, skont hu, billi jiġġakbinawh. "*Ezempju dak gie jinqeda minghandi ta, kellu jigi ghandek. Hafna minn dawn. U jien ghidt ha mmur ghand l-ispettur u naghmlilhom statement lil dawn ghax ma nifalhomx iktar*".[10] Caruana ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija tiegħu quddiem din il-Qorti. Jgħid ukoll illi għad għandu d-dejn mal-imputat dwar droga fis-somma ta' ħames mitt ewro (€500). [11]

4. **Il-Perit Niki Mallia** inkarigat bħala espert f'dawn il-proċeduri sabiex jistabilixxi d-distanza tal-mitt metru o meno in konnessjoni mal-aggravju tad-distanza mertu tal-ewwel imputazzjoni[12], ippreżenta r-relazzjoni tiegħu nhar il-15 ta' Lulju 2015. Mill-istess relazzjoni[13] jirriżula illi sar aċċess ġewwa Triq ix-Xatt tal-Imsida, Msida, ftit tal-metri l-bogħod mill-ħanut tal-ikel *Sofra* u dan sabiex titkejjel id-distanza bejn l-allegat post fejn seħħ l-akkwist tad-droga u l-Mużew tat-tfal Dun Ġorġ, Imsida, il-klabb tal-boċċi tal-Imsida u l-bandli tal-Imsida. Jirriżulta wkoll illi d-distanza bejn il-post fejn seħħ l-allegat akkwist tad-droga u l-bieb ta' barra tal-mużew kien ta' għaxar metri; id-distanza bejn l-istess post u l-klabb tal-boċċi tal-Imsida kien ta' erbgħin metru u d-distanza bejn l-imsemmi post u l-bandli tat-tfal kien ta' mija, wieħed u għoxrin metru.[14]

Illi da parti tagħha, id-difiża ressqet is-segwenti xhieda:

1. **Dominic Azzopardi** ossia l-imputat odjern xehed fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2017. Huwa ċaħad li qatt għadda xi droga lil Joshua Caruana. Jgħid illi Joshua Caruana rrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija b'vendikazzjoni fil-konfront tiegħu u dan peress illi kellhom xi jgħidu bejniethom. Skont l-istess imputat, l-argument inqala' meta fil-11:30pm, Caruana mar quddiem il-bieb tad-dar tiegħu u beda jgħajjat, jidgħi u jhedded li kien ser jirrilaxxja stqarrija fil-konfront tal-imputat. Jgħid illi huwa jaf lill-persuni l-oħrajn li semma' Caruana fl-istqarrija tiegħu, stante ill kien jinqeda mingħandhom ukoll u illi huwa kien jieħu l-eroina għal perjodu ta' madwar sitt snin. Skont hu, kien ilu ħames snin ma jieħu droga. Mistoqsi għaliex Caruana assoċjah ma' Josette Bickle u ma' Robert Spiteri, huwa jgħid illi għamel żmien ikun għandhom peress illi kellu l-vizzju tad-droga. Skont hu, "*Ninqeda minghand dak, ninqeda minghand l-ohra. Kien jarani spiss*

[9] A fol. 50 tal-proċess.
[10] A fol. 51 tal-proċess.
[11] A fol. 40 sa 57 tal-proċess.
[12] Ara l-verbal tas-seduta tal-21 ta' April 2015, a fol. 58 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 63 *et seq* tal-proċess.
[14] Ara din ix-xhieda a fol. 60 sa 61 u r-relazzjoni eseita bħala 'Dok. NM' a fol. 62 sa 65 tal-proċess.

*maghhom hux*".[15] Jgħid illi dak iż-żmien huwa kien joqgħod il-Belt, fi Triq San Duminku u kien qiegħed jipprova jaqta' mid-droga. Jgħid illi Caruana ppretenda li għax l-imputat kien ħabib ta' "*dak u ta' dik*", presumabbilment b'referenza għal Bickle u Spiteri, l-imputat stess imur għandhom sabiex iġiblu d-droga u dan għaliex Caruana kellu d-dejn magħhom. Jgħid illi huwa rrifjuta li jagħmel dan, bejn għaliex kien wieqaf mid-droga u għaliex ma riedx imur fil-11.30 p.m. In oltre Spiteri kien joqgħod ħdejn ommu u ma riedx li ommu tarah hemm meta huwa ma kienx qed jieħu droga. Jgħid illi kien għalhekk li Caruana beda jgħajjat, jidgħi u jheddu li kien ser jagħmillu stqarrija. Jgħid in oltre "*Sibt hadida mal-bieb u xejjirtielu biha u ghamilli wahda hekk u laqaghha. Imn'alla laqaghha jigifieri ghax kont nispicca hazin iktar*".[16]

Spjega illi lil Caruana sar jafu għaliex kienu jiltaqgħu ħdejn il-kuġin ta' Caruana li kien ibiegħ il-ħobż f'Bieb il-Belt u kien jiltaqa' magħhom hemmhekk ħdejn *Burger King*. L-imputat żied jgħid illi darba minnhom huwa kien talab lil Caruana sabiex jagħtih xi *smoke,* iżda dan ma qdihx għaliex l-imputat ma kellux flus. Jgħid in oltre illi huwa ġieli nqeda mingħand Caruana għall-*ismoke* għaliex hu proprjament *smoke* kien jieħu, iżda meta ma sabx *smoke*, kien waqa' fuq l-eroina.

Xehed illi hu kien ġie nvestigat ukoll b'rabta mal-mewt ta' Gerald Mallia, iżda ma kien instab xejn illegali fir-residenza tiegħu meta għamlulu tfittxija. Jgħid illi hu kellu l-vizzju, iżda la kien ibiegħ u lanqas iqassam u kien biss jinqeda. Dak iż-żmien ma kienx jaħdem. Kien jirċievi biss il-flus tar-*relief* u kien iġib il-flus għad-droga billi jiltob il-flus lill-ommu u lil ħutu mingħajr ma jgħidilhom ir-raġuni għaliex ried il-flus. L-imputat jgħid illi qatt ma ġie mitkellem mill-Pulizija dwar l-allegazzjonijiet li għamel fil-konfront tiegħu Caruana. Jgħid illi f'dan ir-rigward, huwa rċieva biss it-taħrika. Il-Pulizija kienu kellmuh biss b'rabta mal-mewt ta' Gerald Mallia u għamlulu tfittxija u huwa kien qalilhom li Mallia kellu jmur għandu, iżda baqa' ma marx. Bejn il-każ ta' Mallia u ż-żmien li huwa rċieva l-akkużi fil-każ odjern għaddiet sena u fil-frattemp, huwa kien mar joqgħod l-Imsida. Kien diġa` joqgħod l-Imsida meta rċieva ċ-ċitazzjoni odjerna. Kien qed juża mutur biex iġorr għax il-karozza li kellu kienet bil-ħsara u kien jitlob lin-nies biex jgħinuh iġorr. Jgħid illi huwa telaq mill-Belt bil-għan illi jaqta' l-vizzju tad-droga għaliex billi kien jgħix waħdu, sħabu kienu jmorru għandu sabiex jieħdu d-droga fid-dar tiegħu. L-aħħar li ltaqa' ma' Caruana kien ftit qabel ma' tilef ħajtu Mallia, meta talbu l-i*smoke* u ma qdihx.

---

[15] A fol. 87 tal-proċess.

[16] Ara a fol. 88 tal-proċess.

**In kontro-eżami**, l-imputat xehed illi kien jikkonsma bejn pakkett u tliet pakketti eroina kuljum, skont il-flus li kien jakkwista. Ċaħad li kienu jmorru n-nies għandu biex ifejjaqhom. Jgħid li kienu jmorru biss sabiex jikkonsmaw id-droga, li dejjem kienu jmorru b'xi pakkett u illi daqqa jsajjarha hu u daqqa kienu jsajruha huma. Mistoqsi kienx hemm xi persuni oħra li mingħandhom kien jixtri r-raża, huwa jgħid illi ma jiftakarx u li mingħand Caruana kien jixtri żgur. Caruana u hu ma kienux ħbieb, anzi jgħid li Caruana qatt ma kellu grazzja miegħu. Dan sar jafu mingħand sħabu stess li kienu jgħidulu li Caruana ma kellux grazzja miegħu għaliex kien jaraħ ma' Bickle u ma' Spiteri. Jgħid illi huwa ġieli għamel dejn u dejjem ħallsu. Caruana qatt ma mar id-dar għandu, ħlief meta mar jgħajjat taħt il-bieb tad-dar tiegħu. Jgħid illi ma jiftakarx id-data eżatt meta nqala' l-argument bejnu u bejn Caruana, iżda dan seħħ qabel ma' Caruana rrilaxxja l-istqarrija tiegħu, meta kien għadu joqgħod il-Belt. Isemmi li huwa telaq mill-Belt erbat ijiem wara l-elezzjoni tal-2013 u kien f'dak iż-żmien li nqala' l-inċident ma' Caruana. Dwar dan l-inċident, ma għamel l-ebda rapport.[17]

2. **Gladys Agius**, omm l-imputat, tixhed illi fiż-żmien tax-xhieda tagħha, l-imputat jirrisjedi ġewwa l-Imsida, iżda kien għamel żmien jgħix fi Triq San Duminku, il-Belt Valletta. Tgħid illi hija toqgħod il-Belt u li dak iż-żmien, hija kienet tmur għand l-imputat darbtejn jew tlieta kuljum sabiex tnaddaflu, taħsillu l-ħwejjeġ u tlestilu l-ikel u li kellha ċavetta tal-fond. F'dan il-post li kienet sabitulu hi stess, l-imputat kien jgħix waħdu u kienet tħallaslu l-kera hi, stante illi ma kellux minn fejn iħallas. Dak iż-żmien kellu ħmistax-il Lira Maltin (Lm 15) *relief* u għalhekk kienet tħallaslu l-kera hi mill-ftit pensjoni li kellha. Tgħid li l-imputat kellu l-vizzju tad-droga, iżda hi baqgħet tiġri warajh sabiex tarah bil-għaqal. Tgħid ukoll illi hija kienet ħaditu joqgħod magħha għax kien ma jiflaħx, iżda sabitlu xi siringa taħt l-imħadda u għalhekk krietlu żewġt ikmamar biex jgħix fihom għax huma ma kinux ta' dawk l-affarijiet. Tgħid li kienet tmur u ssibu rieqed kaġun tad-droga. Kienet tmur xi d-9.00 a.m. jew l-10.00 a.m. Imbagħad kienet terġa' tmur f'nofsinhar biex tara x'kienet tkun is-sitwazzjoni u tħallilu l-ikel. B'referenza għal Caruana tgħid illi ratu jħabbat għand il-Ghandi u jagħti bis-sieq mal-bieb tiegħu u semgħetu jistaqsi għalih. Ma kinitx taf li jismu Joshua Caruana, iżda għarfitu għax ratu fartas u naqra mimli. Tgħid illi qatt ma rat lil Caruana fir-residenza ta' binha. Tgħid ukoll illi viċin id-dar tagħha kien hemm ħafna nies jabbużaw mid-droga u kien aktar faċli għall-imputat illi jkollu aċċess għad-droga u kien għalhekk li krietlu fond ġewwa Triq San Duminku. L-imputat kien jitlob il-flus lilha u lil ħutu u kien jgħid li l-flus riedhom sabiex jixtri

[17] Ara din ix-xhieda a fol. 85 sa 98 tal-proċess.

xi pakkett sigaretti. "*Minn jaghtih 10 u min jaghtih 20 biex ikollu biex jixtri pakkett sigaretti. Il-bqija l-ikel u hasil kollox naghmillu jien. Dak gabni dahri mal-hajt ghax gabni fqira lili ghax kont inhallaslu d-dejn kollu biex joqghod bil-ghaqal*".[18] Tgħid ukoll illi sforz il-vizzju tad-droga, "*kellu laptop mirghun ghand persuna. Gibtulu biex narah bil-ghaqal. Xtrajtlu karozza, issagrifikajt ruhi, bqajt lura minn hafna affarijiet biex narah bil-ghaqal.*" Tgħid illi hija ma kinitx tagħtih flus għad-droga, ħlief xi €10 għas-sigaretti u kien jaqa' fuq ħutu, għalkemm hi kienet tħallaslu kollox. Tgħid illi kien ilu ħames snin bil-għaqal, il-bogħod mid-droga.

**In kontro-eżami** xehdet illi hija kienet ġieli ddum sas-1.00 p.m. meta kienet tmur għand binha u li stante li kienet waħedha d-dar, kienet iddum. Sakemm kienet tkun id-dar tiegħu, hija qatt ma rat lil ħadd aktar hemmhekk. Tgħid ukoll illi ġieli sabitlu affarijiet relatati mad-droga wkoll u kienet taf li kien jabbuża mid-droga għaliex kienet tarah li mhux f'postu.[19]

3. **Ray Azzopardi**, ħu l-imputat xehed illi hu u l-imputat kienu viċin ħafna ta' xulxin u kienu jqattgħu ħafna ħin flimkien. L-imputat imbagħad mar jgħix għal rasu f'dar żgħira fi Triq San Duminku, l-Belt Valletta, fil-waqt illi x-xhud baqa' jgħix ma' ommu. Dan il-post kien jikrih u l-kera kienet tħallasha ommhom. Jgħid illi hu kien imur għand ħuh ta' spiss, għaliex ħuh kien jabbuża mid-droga. Jgħid illi meta sar jaf b'dan, huwa pprova jkun aktar viċin ta' ħuh sabiex jgħinu joħroġ mill-problema u kien wasslu għall-programm. Sakemm kien il-programm għal sebat ijiem, kien imur id-dar tiegħu sabiex jgħin lil ommu, xi tlieta jew erba' darbiet fil-ġimgħa, u meta ma kienx imur hu, kien imur ħuh l-ieħor. F'dak iż-żmien, ħuh ma kellux impjieg fiss – daqqa jagħmel biċċa xogħol l'hemm u l'hawn, iżda ġielu kien jitlobhom il-flus u kienu jagħtuh. Darba minnhom tella' dejn sostanzjali max-xhud għaliex dejjem kien jissellef, iżda qatt ma kien irodd xejn lura. Illum ħallas id-dejn kollu, rranġa ħajtu u għeleb il-vizzju.

**In kontro-eżami** xehed illi hu ġieli kien jagħmel ġranet sħaħ id-dar ta' ħuh u ġieli qagħdu jilagħbu l-karti flimkien, ġieli kien ikun hemm filgħodu u ġieli filgħaxija u ġieli minn filgħodu sa filgħaxija, iżda qatt ma ra nies oħrajn f'din id-dar. Lanqas qatt ma kien imur iħabbat xi ħadd il-bieb.[20]

[18] A fol. 113 tal-proċess.
[19] A fol. 100 sa 116 tal-proċess.
[20] A fol. 120 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mis-suespost illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-22 ta' Ottubru 2009 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr ma ngħata d-dritt illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr ma ngħata d-dritt illi jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Permezz ta' rikors tad-19 ta' April 2016[21], l-imputat talab illi l-Qorti tordna l-isfilz ta' din l-istqarrija u ma tieħu ebda konsiderazzjoni tal-kontenut tagħha, u dan fil-waqt illi sostna, fost raġunijiet oħrajn illi l-Qorti ma jidhrilhiex illi għandha għalfejn tikkunsidrahom, illi huwa ma kienx assistit minn avukat meta rrilaxxja din l-istqarrija. Fl-istess rikors saret referenza għall-każ **Mario Borg v. Malta**, deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016.

Bi tweġiba għall-imsemmi rikors, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.[22]

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*"

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil

[21] Ara a fol. 67 tal-proċess.
[22] Ara a fol. 83 tal-proċess.

terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.
>
> 37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** tas-16 ta' Mejju 2019 u fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Sandro Spiteri</u>** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-

jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

> "(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment
>
> 150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors

tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et</u>** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **<u>Ibrahim and Others v. United Kingdom</u>** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto,* jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**<u>Beuze v. Belgium</u>** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.

21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.

...

23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.

24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.

25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ iżjed riċenti deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**, f'liema każ il-posizzjoni legali kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, wara li rreferiet ukoll għall-każ **ta' Beuze v. Belgium**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

> "10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, **illi ma jkunx għaqli** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> "18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istess stqarrija, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji

diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, *Omissis***, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet rassenja tal-ġurisprudenza l-iżjed riċenti, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni u rrikonixxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti għamlet referenza għal **Beuze v. Belgium**, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew għal din id-deċiżjoni, fosthom **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma' provi oħrajn, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju, **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** fuq ċitata, kif ukoll **Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali et** tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:

> "Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Farrugia vs. Malta**, reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-

Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttieħdet fil-każ ta' Beuze u kompliet hekk:

> "Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis-sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."

Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello</u>** u dan wara referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April 2018, liema referenza ġiet deċiża billi l-Qorti ddikjarat illi:

> "fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ...".

Dan wara li l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat illi dan il-każ kien kemmxejn differenti minn dak ta' Aldo Pistella, fuq ċitat, in kwantu kuntrarjament għal Pistella, Aiello kien irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni. In oltre fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti naqas milli juri li huwa kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli u lanqas irriżultat xi prova fis-sens illi ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. Ir-rikorrenti lanqas ma attakka l-volontarjeta` tal-istqarrija tiegħu u ma qajjem l-ebda lment dwar l-istess stqarrija, iżda talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Finalment, qieset ukoll illi kien fl-interess pubbliku li jiġi investigat u mressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali stante li nqabad *in*

*flagrante* jittraffika d-droga f'Malta. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu 2020, fejn l-istess Qorti qieset ukoll illi:

> "21. L-istqarrija in kwistjoni <u>m'hijiex l-unika prova</u> għal dak li jirrigwarda x'ġara fit-18 ta' Ottubru, 2014. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura li fiha nstabet id-droga. Kif il-vettura niżlet minn fuq il-catamaran twaqqfet mill-pulizija li għamlu tfittxija u sabu d-droga fil-vettura. L-appellant stess meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019 quddiem l-ewwel Qorti, qal li l-pulizija arrestawh meta kellu d-droga." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Is-sentenzi fuq ċitati huma lkoll konkordi f'aspett speċifiku u ċioe` li f'kull każ l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkużi dedotti.

Fis-sentenza tagħha **<u>Il-Pulizija vs Carmel Polidano et</u>** imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi:

> "Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.
>
> Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenza tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis

li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."

Irid jingħad ukoll illi riċentement fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **<u>Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat</u>**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

"26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. <u>Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali.</u> Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament. [sottolinear ta' din il-Qorti]

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti <u>Mehmet Zeki Celebi v. Turkey</u> (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that <u>it is only in very exceptional circumstances</u> that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza <u>Ibrahim and Others v. the United Kingdom</u> tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza <u>Beuze v. Belgium</u> tad-9 ta'

Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. <u>Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu.</u> Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019). [sottolinear ta' din il-Qorti]

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

Fil-każ odjern, fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-22 ta' Ottubru 2009, l-imputat ammetta għar-reat li huwa ġie mixli bih permezz tat-tielet imputazzjoni u fil-fatt kien fid-dawl tal-kontenut ta' din l-istqarrija li huwa ġie mixli b'dan ir-reat, kif jgħid l-Uffiċjal Prosekutur fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri.

Għalhekk fid-dawl tas-sentenzi fuq ċitati u b'mod partikolari dik ta' <u>**Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat**</u>, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrija tal-imputat u qegħda tiskartaha. Dan naturalmnent japplika wkoll għal dik il-parti tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur li fiha jirreferi għal dak li qal l-istess imputat fl-istqarrija tiegħu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-imputazzjonijiet (a) u (b), l-imputat jinsab akkużat bir-reati ta' traffikar tad-droga eroina u tar-raża tal-*cannabis*.

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi dawn l-imputazzjonijiet jistrieħu unikament fuq l-istqarrija rilaxxjata minn Joshua Caruana fl-10 ta' Ottubru 2010, kif iġġuramentata minnu fl-istess jum, u x-xhieda sussegwenti tiegħu f'dawn il-proċeduri. Fix-xhieda tiegħu, Caruana jallega li huwa kien jakkwista d-droga eroina mingħand tliet persuni ossia Josette Bickle magħrufa bħala ċ-Ciniża, Robert Spiteri magħruf bħala l-Ghandi u Dominic Azzopardi magħruf bħala Spagu – dan tal-aħħar l-imputat odjern.

Fuq skorta ta' din l-istqarrija ġuramentata, il-Pulizija Eżekuttiva għaddiet sabiex tixli lill-imputat bir-reati mertu tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet. Fix-xhieda tiegħu, l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma illi meta daħlet din l-informazzjoni, ma saret l-ebda tfittxija fil-konfront tal-imputat u l-istess imputat lanqas ma ġie nterrogat in konnessjoni ma' dawn l-allegazzjonijiet, tant illi l-unika stqarrija rilaxxjata minnu tirreferi għall-każ separat u tteħditlu sena qabel ix-xhieda ta' Joshua Caruana quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima. Fil-kontro-eżami tiegħu, l-Uffiċjal Prosekutur jgħid illi jekk ma kienx żbaljat, l-unika tfittxija li qatt kienet saret fil-konfront tal-imputat kienet fis-sena 2009 in segwitu għall-mewt ta' Gerald Mallia, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv. Skont l-istess Uffiċjal Prosekutur, li hawnhekk ukoll jgħid "*jekk minix sejjer zball*", wara l-mewt ta' Mallia, kienet saret osservazzjoni fuq l-imputat, iżda lanqas dan l-eżerċizzju ma rriżulta fil-pożittiv.

Skont l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Ai termini tal-Artikolu 637 tal-istess Kapitolu, imbagħad, f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre għalkemm ir-regola ġenerali taħt l-Artikolu 661 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija illi "*Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra*", l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi eċċezzjoni għal din ir-regola u dan għaliex skont l-istess artikolu, minkejja d-disposizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 661, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem Maġistrat, tista tinġieb bi

prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-l-istess Ordinanzi, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew ingħatat volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi.

Fil-każ tal-lum, huwa proprju dan illi l-Qorti għandha quddiemha ossia x-xhieda mogħtija minn Joshua Caruana, li permezz tagħha huwa kkonferma l-istqarrija oriġinarjament rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva, f'liema stqarrija huwa ndika lill-imputat bħala wieħed mill-persuni li mingħandhom kien jakkwista d-droga eroina.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Debono**, deċiża fis-7 ta' Lulju 2003, minn din il-Qorti kif diversament preseduta:

> "Issa fil-kaz in disamina m'hemmx dubbju li x-xhieda guramentata moghtija minn El-Kurbo kontra l-imputat konfermata quddiem magistrat hija sufficjenti sabiex din il-qorti ssib reita' kontra tieghu u la ghandha ghalfejn tfittex korroborazzjoni "b'cirkostanzi ohra".
>
> Inghad dan pero' din il-qorti hi tal-fehma li anka f'cirkostanzi 'normali' fejn l-uniku xhud kontra imputat huwa bhal f'dan il-kaz l-'akkusatur' u m'hemm lanqas tracca ta' cirkostanza, imqarr wahda, li toffri korroborazzjoni, l-akbar cirkospezzjoni hija mhux biss dovuta izda obligatorja. F'dan il-kaz mhux biss ma jezistux provi ohra izda u apparti c-cahda kategorika tal-imputat hemm ir-ritrattazzjoni tax-xhud stess li fuqu il-prosekuzzjoni bniet il-kaz taghha. F'dan il-kuntest il-qorti qeghdha tiskarta ghal kollox bhala mill-aktar tenwa u assai rrilevanti l-fatt li El-Kurbo kellu n-numru tat-telefon cellulari tal-imputat. In vista ta' dan kollu ghalhekk il-qorti tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena."

Il-Qorti qieset bir-reqqa x-xhieda ta' Joshua Caruana u rriflettiet fit-tul dwar din ix-xhieda fil-kuntest taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Qieset ukoll illi ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, din ix-xhieda m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħrajn. Qieset in oltre illi kuntrarjament għall-każ fuq ċitat, f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda ritrattazzjoni da parti tax-xhud Joshua Caruana, li baqa' konsistenti anke fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri u dan fis-sens illi huwa kien jakkwista d-droga eroina mingħand l-imputat odjern u illi kien għamel dan diversi drabi.

Il-Qorti qed tqis ukoll madankollu illi fil-waqt li mhijiex prekluża li tasal għall-ħtija tal-imputat anke unikament fid-dawl ta' din ix-xhieda, minkejja ċ-ċaħda tal-

imputat illi huwa forna d-droga lil Caruana, mill-banda l-oħra, kif ingħad fis-sentenza ċitata, hija obbligata li tqis tali xhieda b'ċirkospezzjoni kbira.

Kif ingħad, Caruana jixhed li kien jixtri kwantita' ta' droga eroina mingħand l-imputat. Addirittura jgħid li kien jixtri anki aktar minn darba kuljum mingħand l-istess imputat u li kien ilu jagħmel dan fuq perjodu ta' sitt xhur, fil-waqt illi jgħid ukoll illi fl-istess perjodu ta' żmien, kien jixtri l-eroina kuljum anke mingħand Spiteri u mingħand Bickle – fil-każ ta' Spiteri, tliet pakketti ta' €20 kuljum fl-aħħar tliet xhur u ġieli anke gramma jew nofs gramma u fil-każ ta' Bickle, skont hu, kien jixtri mingħandha pakkett ta' €10 kuljum u dan minn meta ħarġet mill-ħabs lejn l-aħħar ta' Awwissu 2010 .

Caruana allega illi l-imputat kien jgħaddilu wkoll il-cannabis. Fl-istqarrija tiegħu kkonfermatha minnu bil-ġurament, Caruana qal li "*iva gieli taghni nifs minn joint tar-raza tal-cannabis li jkollu hu*". Meta xehed quddiem din il-Qorti, Caruana qal "*Tahieli, qalli ha hawn joint, pejjpu*", li dan il-*joint* kien sħiħ, iżda mistoqsi mill-Qorti jekk Caruana pejjipx dan il-*joint* meta kien viċin l-imputat, huwa wieġeb "*pejjipnih jien u hu*", "*qsamnieh*". Mill-banda l-oħra l-imputat jgħid illi kien Caruana li ġieli kien forna lilu bil-*cannabis*.

Il-Qorti hija mħassba dwar il-fatt li spontanjament, Joshua Caruana ħass il-bżonn li jirrilaxxja stqarrija fil-konfront ta' diversi persuni, fosthom l-imputat odjern. Waqt li huwa minnu li l-informazzjoni mogħtija minn Caruana għenet lill-Pulizija Eżekuttiva sabiex tressaq persuni oħra quddiem il-Qorti, jibqa' l-fatt illi fir-rigward tal-imputat odjern, il-Pulizija ma kellha l-ebda provi ulterjuri li setgħet tikkorrobora dak li qal Caruana. Dan huwa attribwibbli wkoll għall-fatt illi wara x-xhieda ta' Caruana quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, il-Pulizija ma komplietx bl-investigazzjonijiet tagħha dwar dawn l-allegazzjonijiet. Veru illi skont l-Uffiċjal Prosekutur, il-Pulizija kellha informazzjoni anonima dwar l-imputat, iżda din ma tammontax għall-prova ammissibbli u huwa wkoll minnu illi f'dan il-każ, il-Pulizija setgħet tkompli bl-investigazzjoni tagħha, minflok ma tistrieħ sempliċement fuq ix-xhieda ta' Joshua Caruana.

Il-Qorti qegħda tqis ukoll illi għalkemm fil-kuntest tal-allegazzjonijiet li saru minn Caruana ma saret ebda tfittxija, l-investigazzjonijiet, it-tfittxija u s-sorveljanza li kienu saru fil-konfront tal-imputat in segwitu għall-mewt ta' Gerald Mallia, madwar sena qabel, taw riżultat negattiv.

In oltre mix-xhieda ta' Caruana u tal-imputat odjern jirriżulta illi bejniethom ma kienx hemm dejjem relazzjoni tajba. F'dan ir-rigward, l-imputat jgħid illi f'okkażżjoni partikolari, huwa stess aggredixxa lil Caruana b'ħadida u dan wara li Caruana kien talbu sabiex jakkwistalu d-droga eroina mingħand Bickle jew Spiteri, stante illi l-istess Caruana ma setax jagħmel dan għaliex kellu d-dejn

magħhom. Li Caruana kellu d-dejn ma' Bickle u ma' Spiteri minħabba d-droga, jgħidu wkoll l-istess Caruana. In oltre fix-xhieda tiegħu, Caruana jgħid ukoll "*Darba gie taghni daqqa ta' hadida, allahares ma kontx b'sahhti ghax qatilni... Ghax argumentajt mieghu. Ghax kienu t-tnejn jaghmluli l-hsara*"[23], għalkemm ma jispeċifikax jekk hawnhekk kienx qed jirreferi għall-imputat jew għal Spiteri u lanqas ma jgħid x'kien li wassal għal dan l-argument. Biss fir-rigward ta' Spiteri, fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Grima, huwa jispeċifika illi dak li wassal sabiex jagħmel stqarrija fil-konfront ta' Spiteri u fil-konfront ta' Bickle kien illi dawn heddew lil ommu in konnessjoni mal-flus li Caruana kellu jagħtihom għad-droga. Dwar l-inċident li fih huwa argumenta ma' Caruana, l-imputat jgħid illi huwa rrifjuta li jġib id-droga għal Caruana u kien għalhekk li argumentaw. Il-Qorti tinnota wkoll illi għalkemm l-imputat jgħid illi dan l-inċident seħħ qabel l-istqarrija ta' Caruana lill-Pulizija, jgħid ukoll fix-xhieda tiegħu illi dan seħħ ftit qabel l-elezzjonijiet tas-sena 2013, li allura kieku jkun ifisser illi kien ferm wara d-data li fiha Caruana rrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija. Fil-fehma tal-Qorti huwa pjuttost inverosimili li Caruana mar jitlob lill-imputat għad-droga meta kien diġa` rrilaxxja stqarrija fil-konfront tiegħu, apparti illi l-istess imputat u anke ommu jgħidu illi l-istess imputat kien ilu ħames snin li waqaf jagħmel użu mid-droga u għalhekk għall-ħabta tas-sena 2012, meta wieħed iqis illi dawn xehdu fis-sena 2017. Huwa iżjed verosimili għalhekk illi dan l-argument bejn Caruana u l-imputat seħħ qabel Caruana irrilaxxja l-istqarrija tiegħu.

Fil-kuntest ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi jkun perikoluż ferm illi ssib ħtija fl-imputat unikament u esklussivament a bażi ta' dak illi xehed Caruana. Għaldaqstant tqis illi l-imputazzjonijiet (a) u (b) miġjuba kontra l-imputat ma jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati fil-grad rikjest mil-liġi.

Finalment, l-imputat jinsab akkużat ukoll bil-pussess sempliċi tad-droga eroina u dan riferibilment għas-17 ta' Ottubru 2009 u l-ġimgħa ta' qabel din id-data.

Tajjeb jingħad illi din l-imputazzjoni hija marbuta mal-investigazzjoni li saret in segwitu għall-mewt ta' Gerald Mallia fl-20 ta' Ottubru 2009. Skartata l-istqarrija tal-imputat tat-22 ta' Ottubru 2009, għar-raġunijiet diġa` premessi, jeħtieġ illi l-Qorti tqis il-bqija tal-provi prodotti mill-partijiet u b'mod partikolari x-xhieda tal-istess imputat. Fix-xhieda tiegħu tad-9 ta' Jannar 2017, l-imputat jgħid illi kien għamel xi sitt snin fuq id-droga eroina u illi kien ilu ħames snin ma juża din id-droga, li jfisser li waqaf jużaha għall-ħabta tas-sena 2012. Jgħid ukoll b'referenza għall-investigazzjoni dwar il-mewt ta' Gerald Mallia illi "*Kienu gew ghamluli search id-dar fuq il-kaz ta' Gerald Mallia. Ma sabuli xejn. Jien habit kelli biss.*

[23] Ara a fol. 50 tal-proċess.

*La kont inbiegh, la kont inqassam. Kelli l-habit jien. Kont ninqeda jien jigifieri*".[24]

M'hemmx dubju mix-xhieda tal-imputat u anke mix-xhieda ta' omm l-imputat u ta' ħuh illi l-istess imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina, kif lanqas ma hemm dubju mix-xhieda appena ċitata illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga fiż-żmien tal-mewt ta' Gerald Mallia, li kif ingħad, seħħet fl-20 ta' Ottubru 2009. Madankollu, fid-dawl tal-fatt illi l-imputazzjoni de quo hija limitata għall-ġimgħa partikolari ossia għas-17 ta' Ottubru 2009 u l-ġimgħa ta' qabel din id-data, il-Qorti tista' biss tassumi illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina matul din il-ġimgħa u ma tistax għalhekk tasal għal din il-konklużjoni fil-grad li trid il-liġi. Għaldaqstant, lanqas ma tista' ssib ħtija fl-imputat fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Dominic Azzopardi** mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Konsegwentement, lanqas ma hija tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż tal-espert il-Perit Niki Mallia maħtur f'dawn il-proċeduri.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[24] Ara a fol. 90 tal-proċess.